MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 11

24 ta' Marzu 2025

Minuti tas-seduta Nru. 11 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 24 ta' Marzu 2025 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 10 tas-26 ta' Frar 2025 ġew approvati mingħajr korrezzjonijiet.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Tiġdid tal-Karti tal-Identità (M/6/Vol V)

2.1.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li l-Kunsill irċieva imejl mill-Kap tal-Unit tal-Karta tal-Identità fi ħdan Identità Malta fejn dawn għarrfu lill-Kunsill li fit-3 ta' April 2025 ser iżuru l-uffiċini tal-Kunsill sabiex jaraw kif jistgħu jagħtu s-servizz ta' tiġdid tal-Karta tal-Identità mill-uffiċċju tal-Kunsill stess.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Bżonn ta' Scarifying ta' Toroq (T/4/4/Vol II)

2.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-ispezzjoni tat-toroq li għandhom bżonn jiġu scarified flimkien mal-Perit ta' Central Asphalt Ltd saret. Il-Kunsill qed jistenna li Central Asphalt Ltd jibgħatu l-istima għal dawn ix-xogħlijiet.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1 Sejħa għall-offerti MLC 3/2024 – Installazzjoni ta' sistema CCTV fit-toroq ta' dħul/ħruġ miż-żona urbana tal-Mellieħa (C/9)**

2.3.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li ser issir laqgħa tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Kunsill biex issir evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet li saru b'rabta mas-Sejħa għall-Offerti MLC 3/2024 – Installazzjoni ta' sistema CCTV fit-toroq tad-dħul/ħruġ miż-żona urbana tal-Mellieħa.

2.3.3. Is-Sindku qal li appena l-Inġinier jagħtina d-data, din tiġi ikkomunikata lill-membri tal-Bord .

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1 Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)**

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa li jmiss mal-Pulizija tal-Komunità ser issir fit-3 ta' April 2025.

2.4.3. Is-Sindku G. Micallef qal ukoll li s-Surġent Ivan Mifsud bagħat imejl lill-Kunsill bi proposta sabiex possibiliment isiru cctv cameras fl-entraturi/fil-ħruġ għal u minn Santa Maria Estate. F'din l-imejl is-Surġent identifika dawn il-postijiet:

(i) Triq Triq il-Qortin kantuniera ma' Triq il-Kbira;

(ii) Triq ix-Xagħra ta' Barra kantuniera ma' Triq il-Kbira;

(iii) Triq Għajn Żejtuna kantuniera ma' Triq il-Kbira;

(iv) Triq il-Wied ta' Ruman kantuniera ma' Triq il-Marfa;

(v) Triq it-Trill kantuniera ma' Triq il-Marfa; u

(vi) Dawret it-Tunnara kantuniera ma' Triq il-Marfa

2.4.4. Is-Sindku kompla jgħid li r-raġuni wara din il-proposta kienet li l-Pulizija qed jirċievu diversi rapporti ta' serq f'dawn l-inħawi.

2.4.5. Is-Sindku għarraf ukoll li huwa tkellem mas-Surġent Ivan Mifsud sabiex possibilment l-Pulizija tintervjeni billi jew twaħħal tape li jindika periklu jew tpoġġi mezzi oħra ta' prekawzjoni fi Triq il-Qasab fejn waqa' l-ħajt.

2.4.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1 Servizzi ta' Environmental Rangers fiż-Żoni Urbani tal-Mellieħa (W/3/Vol XI)**

2.5.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fl-4 ta' Marzu 2025 huwa flimkien mal-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri, il-Kunsillier E. Bartolo u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin attendew għal-laqgħa mal-Malta Rangers Unit sabiex jiġi varat is-servizz ta' Environmental Rangers fiż-żoni urbani tal-Mellieħa. Huwa qal li fil-fatt is-servizz beda t-Tnejn 10 ta' Marzu 2025. Il-membri tal-Kunsill ingħataw kopja tal-preżentazzjoni li ntweriet fil-laqgħa.

2.5.3. Is-Sindku G. Micallef qal li fil-laqgħa ġew diskussi primarjament:

(a) l-għan ta' dan is-servizz jiġifieri li jsiru rondi u spezzjonijiet regolari;

(b) li jiġu identifikati dawk il-postijiet l-aktar problematiċi;

(c) biex isir aktar għarfien edukattiv f'dan il-qasam.

2.5.4. Is-Sindku qal li l-Environmental Rangers ser iqassmu ittra maħruġa mill-Kunsill flimkien ma' skeda dwar il-ġbir tal-iskart u dawn ser jimpustawhom fil-kaxxi tal-ittri, biex ir-residenti jiġu mgħarrfa bis-servizz u kif għandu jinħareġ l-iskart.

2.5.5. Is-Sindku G. Micallef qal li sadanittant is-servizz beda u jidher li qed ikun effettiv. Huwa spjega li l-Environmental Rangers qed jibgħatu informazzjoni dwar fejn qed ikunu kif ukoll ritratti fejn qed ikun hemm nuqqasijiet min-naħa tar-residenti. Hawnhekk il-membri tal-Kunsill setgħu jaraw kif qed isir dan ir-rappurtar. Is-Sindku qal ukoll li kif ikunu qed jagħmlu dan l-eżerċizzju huma qed jiġbdu l-attenzjoni tal-Kunsill anke fuq affarijiet oħra li m'għandhomx x'jaqsmu mal-iskart. Ir-rapporti li qed isiru, qed isir monitoraġġ tagħħhom minn membru tal-istaff. Is-Sur Micallef qal li l-Environmental Rangers għandhom vettura biex jagħmlu r-rondi.

2.5.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet jekk l-Environmental Rangers jistgħux jiftħu boroz tal-iskart biex possibiliment jidentifikaw min ikun ħariġha. Is-Sindku wieġeb li l-Environmental Rangers ma jistgħux jiftħu boroż imma jekk il-boroż ikunu mqattgħin u jistgħu jagħmlu identifikazzjoni b'xi mod, hekk ikunu jistgħu jieħdu azzjoni.

2.5.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk dan is-servizz setax ingħata mill-LESA u kif l-Environmental Rangers ma jitħallsux biex jagħmlu rondi fiż-żoni mhux urbani u jitħasslu biex iduru ż-żoni urbani. Is-Sindku wieġeb li sfortunatament dan is-servizz ma setax jingħata mil-LESA fil-fatt qed jissostitwixxu l-Green Wardens. Dwar il-ħlas, is-Sindku qal li huma jitolbu ħlas peress li qed jagħmlu xogħol addizzjonali f'żoni urbani apparti x-xogħol normali tagħhom fiż-żoni mhux urbani.

2.5.8. Is-Sur Micallef qal li l-Kunsill bilfors kellu jieħu xi tip ta' azzjoni u issa jista' jgħid li għandu servizz fejn qabel ma kien hemm l-ebda servizz. Sfortuntament il-Kunsill ma kien qed jibbenefika minn l-ebda servizz anke saħansitra s-servizz ta' Environmental Ranger fis-siti ta' Natura 2000 spiċċa u sfortunatament issa hemm illegalitajiet kbar.

2.5.9. Il-Kunsill J. Buttigieg qal li dan is-servizz fiż-żoni urbani kien parti mir-responsabilitajiet tal-Pulizija tal-Komunità iżda sfortunatament minħabba nuqqas ta' riżorsi umani dan is-servizz mhux qed jingħata jew limitat ħafna.

2.5.10. Il-Kunsill J. Cauchi staqsa fejn qed isibu l-aktar problemi l-Environmental Rangers kemm ilu li beda s-servizz. Is-Sindku wieġeb li l-akbar problemi huma l-airbnb's għaliex joħorġu l-iskart kollu barra meta jitilqu irrilevanti x'ġurnata hi, iżda hemm abbużi wkoll min-naħa tar-residenti f'ċerti nħawi.

2.5.11. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)**

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin infurmat lill-membri preżenti li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali tat-Tfal ser issir fl-4 ta' April 2025 fl-4.30p.m.

2.6.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li fil-laqgħa li saret fl-20 ta' Marzu 2025, it-tfal iddiskutew l-inizjattiva sabiex jorganzzaw huma stess Clean Up Event u din l-inizjattiva ntlaqgħet tajjeb ħafna.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Ħarġiet Kulturali (A/5/5/Vol VII)**

2.7.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin infurmat lill-membri preżenti li għall-ħarġa kulturali li saret fis-26 ta' Marzu 2025 attendew tnejn u tletin persuna li apprezzaw ferm iż-żjara li għamlu ġewwa Birkirkara.

2.7.3. Hija qalet ukoll li għall-ħarġa kulturali li jmiss li ser issir fid-29 ta' April 2025, il-Kunsill aċċetta l-istedina li saritlu mill-Arkivji Notarili li ħarġu b'inizjattiva li joffru saħansitra servizz ta' gwida għal gruppi li jixtiequ jżuru dawn l-arkivji. Il-prezz huwa ta' €8 għal kull persuna li jinkludi r-refreshments. L-ispejjeż għall-Kunsill ikunu biss fejn jidħol it-trasport.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Żjara mill-*unit* għall-Għoti tad-Demm (M/8/Vol VI)**

2.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-unit għall-għoti tad-demm ser ikun il-Mellieħa fit-8 ta' Ġunju 2025.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.9.1. Esperjenza ta' Community Engagement minn Studenti li qed isegwu kors ta' Infermiera fl-Università ta' Malta (K/16 )**

2.9.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li s-seba' studenti li qed isegwu kors ta' infermiera fl-Università ta' Malta u li fuq inizjattiva tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dawn l-istudenti kellhom jesperjenzaw erba' ġimgħat ta' community engagement fil-Mellieħa apprezzaw ferm l-attività tal-Karnival li saret fiċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa. Huma rringrazzjaw lil kull min kien ta' sapport għalihom f'din l-esperjenza fil-Mellieħa.

2.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.10.1. Il-Fond ta' Aġġustament 2025 (F/1/2/Vol XI)**

2.10.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill issottometta l-applikazzjoni marbuta mal-Fond ta' Aġġustament 2025 kif mitlub mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali – fond li permezz tiegħu l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jingħata allokazzjoni addizzjonali ta' €7,000 peress li l-lokalità tal-Mellieħa hija meqjusa bħala żona turistika.

2.10.3 Is-Sindku G. Micallef qal li ta' kull sena l-Kunsill jiġi mitlub jidentifika proġett immirat sabiex joħloq inizjattivi/proġetti b'rabta mat-turiżmu. Huwa kompla billi qal li din is-sena l-Kunsill ħaseb li jidentifika parti mill-bajja tal-Għadira bħala sit li jista' jiġi adattat biex jgħin aktar fejn tidħol is-saħħa mentali. Fil-fatt minnu nnifsu dan il-post diġa' joffri ambjent naturali ta' rilassament u trankwilità u għaldaqstant b'tagħmir adattat jista' jinbidel f'sit li joffri faċilitajiet immirati biex il-pubbliku jkollu fejn imur jistrieħ fiżikament u mentalment.3

2.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.11.1. Introduzzjoni ta' Cat Cafes (A/9/Vol II)**

2.11.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li permezz ta' post li rat fuq il-midja soċjali, Paws Protection qed jaħdmuhom huma l-cat cafes u talbet li jsir kuntatt magħhom u l-Kunsill jistaqsi dwar il-possibilità li dawn jaħdmulna numru minnhom.

2.11.3. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li possibilità oħra tista' tkun li dawn jinħadmu mill-istudenti tal-Mcast.

2.11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u talab li jsiru l-kuntatti meħtieġa.

**2.12.1. Compliance Audit fil-Kunsill Lokali tal-Mellieħa (F/1/2/Vol X)**

2.12.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet illi d-dokumentazzjoni kollha mitluba mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika fl-ewwel lista tagħhom, intbagħtet kollha u ġie rrispettat anke d-deadline stipulat.

2.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.13.1. Kuntratt MLC 1/2024 – Proġett dwar titjib fis-Sala tal-Kunsill (P/10/40)**

2.13.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet illi fir-rigward tal-proġett tas-sala tal-Kunsill twaħħlu l-purtieri li komplew jikkumplimentaw mal-għamara l-ġdida u d-disinn il-ġdid tas-sala.

2.13.3. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-ARPA bdiet xogħol ta' awditjar fuq dan il-proġett fil-fatt qed issir verifikazzjoni tad-dokumentazzjoni kollha relatata ma' dan il-proġett.

2.13.4. Hija qalet ukoll li peress li għad iridu jitħallsu l-aħħar invoices sottomessi mill-kuntrattur u mill-Project Manager u sussegwentement isiru l-payment claims min-naħa tal-Kunsill, fuq suġġeriment tad-Diviżjoni

għall-Gvern Lokali stess saret talba sabiex tiġi estiża d-data tad-deadline għall-31 ta' Mejju 2025 sabiex il-Kunsill jassigura ruħu li jkun jista' jagħlaq u jiffinalizza d-dokumentazzjoni kollha ta' dan il-proġett fil-ħin.

2.13.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Attività f'Jum iddedikat għall-Awtiżmu (K/11)

3.1.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li għall-Jum iddedikat biex jitqajjem aktar għarfien dwar l-awtiżmu hija għamlet kuntatt ma' The Malta Autism Centre dwar il-possibilità li dawn jagħmlu taħdita ta' madwar sagħtejn fil-Mellieħa li tkun maqsuma f'siegħa taħdita u siegħa interazzjoni. Il-prezz mitlub huwa ta' €175. Hija qalet ukoll li tkellmet mal-Mellieħa Football Club sabiex ġenituri li għandhom it-tfal taħt dan l-ispectrum jiġu u jagħmlu l-interventi tagħhom waqt din it-taħdita.

3.1.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li jiġi ċċekkjat jekk hemmx assoċjazzjonijiet jew għaqdiet oħra li joffru dan is-servizz minħabba li jridu jinġiebu tliet kwotazzjonijiet.

3.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.2.1 Proġett ta' Urban Greening fil-Mellieħa (A/3/Vol IV)

3.2.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri informa lill-membri preżenti li Eco-Stack Innovations qed jikkuntattjaw lil numru ta' Kunsilli Lokali bil-għan li jitkellmu magħhom dwar proġetti ta' Urban Greening u Nature Restoration fil-lokalitajiet rispettivi.

3.2.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li huwa ser jagħmel laqgħa magħhom sabiex iġib aktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva.

3.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.3.1. Inizjattiva ta' Aktar Għarfien dwar il-Fibromyalgia (K/11)

3.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li x-xahar ta' Mejju 2025 ser ikun ix-xahar iddedikat għal aktar għarfien dwar il-Fibromyalgia.

3.3.3. Hija qalet li l-Kunsill għandu jissieħeb sabiex matul dan ix-xahar binjiet fil-lokalità jinxtegħlu b'dawl blu.

3.3.4. Is-Sindku qal li jaqbel ma' din il-proposta u għarraf li b'rabta mal-kampanja nazzjonali Earth Hour, il-Kunsill ipparteċipa billi tefa' d-dawl tal-monument fi Triq Qasam Barrani u Ġnien il-Mellieħa għal siegħa.

3.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.4.1. Kollaborazzjoni ma' Culture Venture Malta (K/16)

3.4.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li b'rabta ma' dak li kien intqal fis-seduta preċedenti dwar kollaborazzjoni ma' Culture Venture Malta, huwa ikkonferma li Culture Venture Malta ħadmu direttament mal-Gvern Ċentrali sabiex saru studji speċifiki.

3.4.3. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li l-Kunsill jeħtieġ li jagħmel studju dwar il-popolazzjoni tal-Mellieħa u l-identità tagħha peress li l-Mellieħa u l-abitanti tagħha nbidlu sewwa maż-żmien iżda jifhem li biex dan isir ser ikun hemm xi spejjeż għall-Kunsill.

3.4.4. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li hija tista' tiċċekkja jekk il-Kunsill jistax japplika għal xi tip ta' fondi ewropej f'dan ir-rigward.

3.4.5. Il-Kunsill qabel ma' dan il-ħsieb u innota t-tagħrif mogħti.

**3.5.1. Inizjattiva b'risq l-Integrazzjoni Soċjali (I/3)**

3.5.1. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li dwar l-online survey huwa kien qed isegwi r-rispons li kien hemm u peress li r-rispons kien ftit talab lil kull membru tal-Kunsill sabiex jagħmel share tiegħu biex possibiliment dan jarawh aktar nies.

3.5.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.6.1 Kors fl-Ewwel Għajnuna (E/3/1/Vol V)**

3.6.2 Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li hawn numru sabiħ ta' residenti li jixtiequ jattendu kors fl-Ewwel Għajnuna.

3.6.3. Hija qalet li l-Kunsill kien għamel sejħa għall-kwotazzjonijiet f'dan ir-rigward iżda peress li għadda ż-żmien, ikun aħjar jekk wieħed jiċċekkja jekk dawn il-kwotazzjonijiet għadhomx validi.

3.6.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li ma' dan il-kors, il-Kunsill jista' jinkorpora wkoll kors fl-użu tal-AED.

3.6.5. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u innota t-tagħrif mogħti.

**4.0. Tqegħid ta' karti**

- Rapport ta' Kull Tliet Xhur – Perjodu: Jannar 2025 – Diċembru 2025
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 21/03/2025;
- Skeda ta' Pagamenti – 22/02/2025 – 21/03/2025;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 18/02/2025 – 13/03/2025;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

**5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri**

**5.1.1. Press Call fil-Mużew tat-Tunnara (P/4/4/Vol VI)**

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fis-27 ta' Marzu 2025, il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali ser jorganizza konferenza stampa dwar skema ġdida għas-sajjieda fil-Mużew tat-Tunnara.

5.1.3. Is-Sindku qal li l-Art Club 2000 ġew infurmati b'dan u ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

5.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.2.1. Xogħlijiet mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi (D/3/1/Vol X1V)**

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill permezz tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi se jagħmel xogħol ta' patching fi Triq il-Peprin fil-parti li mhix asfaltata bħalissa. Huwa qal li din hija soluzzjoni temporanja.

5.2.3. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill permezz tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi preċiżament tal-Coastal and Storm Water Unit, fit-18 ta' Marzu 2025 għamel xogħol ta' tiswija ta' culvert li kienet qed iċċedi f'nofs Triq Gorg Borg Olivier. Huwa qal ukoll li bħalissa l-Kunsill għaddej b'kuntatti sabiex possibiliment isiru tiswijiet ta' culvert ieħor li qiegħed iċedi li qiegħed aktar 'l isfel fi Triq Gorg Borg Olivier.

5.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.3.1. Xogħol ta' Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)**

5.3.2. Is-Sinku G. Micallef ta aġġornament lill-membri preżenti fuq il-proġett tat-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar. Huwa stqarr li l-Perit lesta d-dokumentazzjoni mitluba mill-Building and Construction Authority (BCA) u dawn ġew sottomessi fl-14 ta' Marzu 2025. Il-Kunsill se jgħaddi din id-dokumentazzjoni lill-aġenzija tal-assigurazzjoni.

5.3.3. Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill għaddej b'kuntatti mal-Korporazzjoni Enemalta u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex jiġu determinati l-ħtiġijiet tagħhom li jridu jiġu nklużi fil-proġett.

5.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.4.1. Xogħlijiet ta' New Water fi Triq il-Wilġa u fi Triq Għajn Tuffieħa minn Infrastructure Malta (W/2/Vol IV)**

5.4.2. Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva imejl fl-4 ta' Marzu 2025 minn Infrastructure Malta liema imejl kienet tgħid li x-xogħlijiet fi Triq il-Wilġa tlestew u kien imiss xogħol ta' trinek fi Triq Għajn Tuffieħa. L-imejl inkludiet ukoll t-traffic management temporanju li ser jidħol fis-seħħ fl-inħawi ta' Triq il-Wilġa u Triq Għajn Tuffieħa f'dan ir-rigward.

5.4.3. Is-Sindku qal li t-traffiku ser ikun jista' jgħaddi minn Triq il-Wilġa u jitla' għall-Imġarr u t-traffiku li jrid jgħaddi għall-Manikata ser jgħaddi kollu minn Triq il-Kappella tal-Militar.

5.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.5.1. Xogħlijiet ta' New Water fi Triq il-Miżieb (W/2/Vol IV)**

5.5.2. Is-Sindku G. Micallef aġġorna lill-membri preżenti li x-xogħlijiet fi Triq il-Miżieb tlestew u t-triq infetħet mill-ġdid għat-traffiku.

5.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.6.1 Proġett Ġnien fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri/Etna/Għasel (P/4/27)**

5.6.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf illi fl-10 u fis-17 ta' Marzu 2025 saru t-tieni u t-tielet laqgħa tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni (TEC) li matulhom tkompliet l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet fil-parti amministrattiva u dik teknika.

5.6.3. Is-Sindku għarraf li s-sottomissjonijiet saru minn Società Agricola Vivai Rizzo, Derek Garden Centre, The A Parks, LBA Ltd, Nar Construction Ltd, AG Installations u Bonnici Bros. Services Ltd. Fit-tielet laqgħa, il-Kumitat t'Evalwazzjoni qabel li s-sottomissjonijiet ta' Nar Construction Ltd u The A Parks jiġu identifikati bħala 'Administratively Non Compliant' peress li għalkemm it-TEC bagħat ittra ta' rettifikazzjoni li dawn iż-żewġ bidders, huma baqgħu ma pprovdux l-informazzjoni mitluba. Il-bidders l-oħra kollha pprovdew l-informazzjoni mitluba.

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.7.1 Forti Campbell, f'Selmun (P/5/2/Vol II)**

5.7.2 Is-Sindku G. Micallef informa lill-Kunsill li huwa talab l-assistenza tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex tingħata attenzjoni għat-talbiet li tressqu mill-Kunsill dwar l-istat perikoluż ta' Forti Campbell u biex issir laqgħa fuq il-kwistjoni legali dwar parti minn Ġnien il-Qigħan.

5.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.8.1. Dwal Ġodda fi Triq il-Peprin, Triq il-Padrun, Triq Edward Camilleri u Triq il-Kbira (E/1/3 Vol VI)**

5.8.2. Is-Sindku G. Micallef informa lill-membri tal-Kunsill dwar il-progress li sar fuq il-proġett ta' dwal ġodda fi Triq il-Peprin, Triq il-Padrun, Triq Edward Camilleri u Triq il-Kbira. Huwa qal li fit-18 ta' Marzu 2025, l-Awtorità tal-Ippjanar approvat dan il-proġett u għaldaqstant il-Perit Edward Scerri mqabbad

minn Galea Curmi Engineering Consultants Ltd, applika għal Development Notification Order (DNO) mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex ix-xogħlijiet ikunu koperti bil-permessi neċessarji.

5.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.9.1. Mixgħela tal-Ġimgħa l-Kbira (A/5/5/Vol X)

5.9.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf lill-Kunsill bit-tħejjijiet li għaddejjin biex issir l-ewwel edizzjoni tal-Mixgħela fil-Mellieħa nhar Ħamis ix-Xirka.

5.9.3. Is-Sindku qal li din l-inizjattiva qed issir bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda tan-Nar Marija Bambina u d-disinn se jinvolvi l-mixgħela ta' erbat elef xemgħa. Huwa kompla billi qal li l-ħsieb huwa li x-xemgħat jinxtegħlu bejn it-8.30pm u d-9.00pm u jibqgħu mixgħulin sa nofsilejl.

5.9.4. Is-Sindku ippropona li matul din il-mixgħela jinġabru fondi b'risq Puttinu Cares peress li dakinhar stess ssir il-Mixja tal-Ġimgħa l-Kbira b'risq Puttinu Cares.

5.9.5. Il-Kunsillier E. Bartolo issuġġerixxa li din l-inizjattiva għandha tħeġġeġ lill-pubbliku sabiex ikun parti mill-attività u fl-istess ħin ikun mħeġġeġ jagħti d-donazzjoni tiegħu anke ta' €1 għal kull xemgħa għal din il-kawża ġusta.

5.9.6. Is-Sindku hawnhekk xtaq jieħu din l-opportunità sabiex jinforma lill-membri preżenti dwar ittra li rċieva mingħand Fr Martin Micallef – id-Direttur tad-Dar tal-Providenza fejn Fr Martin irringrazzja ħafna lill-Kunsill u lill-komunità Melleħija għall-ġest sabiħ tagħhom fejn inġabru oġġetti tal-ikel b'risq id-Dar tal-Providenza. Fl-istess ittra Fr Martin irringrazzja ħafna wkoll lill-Membru Parlamentari l-Onor. Ivan Castillo għall-għoti ta' €600 f'vouchers.

5.9.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.10.1. Bastiment tas-Sajd abbandunat fuq il-Moll tat-Tunnara (X/1/5/Vol II)

5.10.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl mingħand id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura dwar bastiment tas-sajd li ilu abbandunat fuq il-moll tat-Tunnara.

5.10.3. Is-Sindku qal li d-Dipartment tas-Sajd u l-Akkwakultura flimkien ma' Transport Malta bħalissa qegħdin jikkordinaw flimkien kif jistgħu jneħħu dan il-bastiment tas-sajf minn fuq il-moll bil-għan li ma jibqax ikerrah l-inħawi minħabba l-istat tiegħu, u biex jinħoloq aktar spazju fuq dan il-moll.

5.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.11.1 Proposta biex jiġi ppubblikat Ktejjeb dwar il-Qniepen u l-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa (P/4/5/Vol III)

5.11.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera minuta 5.11.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li aktar informazzjoni dwar din il-pubblikazzjoni ser tingħata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

5.11.3. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u innota t-tagħrif mogħti.

### 5.12.1. Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq l-Isqof Pace (P/4/17)

5.12.2. Is-Sindku G. Micallef qal li b'rabta ma' din il-proposta, huwa kien tal-ħsieb li l-Kunsill għandu jagħmel sejħa għall-kwotazzjonijiet biex jintalbu s-servizzi ta' perit fejn jidħlu l-preparazzjoni tal-Bill of Quantities, id-disinn tat-taraġ kif ukoll l-assistenza tal-perit matul l-fażi inizjali tal-proġett.

5.12.3. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u innota t-tagħrif mogħti.

### 5.13.1. Laqgħa Annwali tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana (K/1/3/Vol III)

5.13.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa annwali tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana ser issir fit-28 ta' Marzu 2025 fis-7.30pm fis-sala tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Huwa qal li l-l-membri tal-Kunsill huwa mistednin u mħeġġa sabiex jattendu.

5.13.3. Il-Kunsill ħa nota tat-tagħrif mogħti.

**5.14.1 Laqgħa mal-Manikata Residents' Association (M/1)**

5.14.2 Is-Sindku G. Micallef għarraf li kellu laqgħa mal-Manikata Residents' Association li matulha huwa f'isem il-Kunsill informa lill-kumitat ta' din l-assoċjazzjoni dwar il-progress li kien hemm fir-rigward tal-proġett tad-dawl mal-Knisja tal-Manikata, is-CV Cameras u l-indafa fost oħrajn.

5.14.3. Is-Sindku qal li fl-istess laqgħa, il-Kunsill intalab li jibda l-proċess tat-traffic counts u għal dan il-għan huwa ser jitkellem mal-Kunsill Reġjonali Tramuntana dwar il-possibilità li l-Kunsill jikseb għajnuna f'dan ir-rigward.

5.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mitlub.

**5.15.1. Asfaltar ta' Triq il-Fuħħar, il-Manikata (T/4/7/Vol III)**

5.15.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-proġett ta' Infrastructure Malta li jikkonsisti fl-asfaltar ta' Triq il-Fuħħar, il-Manikata wasal fl-istadju tal-ħruġ tas-sejħiet għall-offerti sabiex isiru x-xogħlijiet.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.16.1. Tqeghid ta' Passaġġ tal-Ħadid fl-Inħawi ta' Qassisu (P/5/8/G)**

5.16.2. Is-Sindku G. Micallef qal li fil-21 ta' Marzu 2025, irċeiva aġġornament mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni PA/06403/21 li tikkonsisti fi tqegħid ta' struttura fl-Għadira liema aġġornament kien jgħid li l-applikazzjoni għadha fi stadju ta' konsiderazzjoni.

5.16.3. Is-Sindku qal li huwa tal-fehma li l-Kunsill għandu joġġezzjoni fuq id-diversi punti li ilhom jiġu mressqa mill-istess Kunsill.

5.16.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.17.1. Laqgħa ma' Comune Di Cavriglia dwar Skambji ta' Żgħażagħ (K/1/5/3/Vol IV)**

5.17.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li kif ġie deċiż fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti, saret laqgħa mal-President tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina – is-Sur Joe de Bono dwar il-ħsieb tal-Kunsill li din l-għaqda żżur Cavriglia din is-sena.

5.17.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li f'din il-laqgħa ngħataw dettalji dwar il-kontribut tal-Kunsill kif ukoll il-kontribut tal-Comune di Cavriglia f'din l-inizjattiva, kif ukoll ġew ikkomunikati d-dati u n-numru ta' persuni li jistgħu jmorru Cavriglia. Fil-fatt iż-żjara ser issir bejn il-11 u s-17 ta' Settembru 2025 u n-numru ta' persuni huwa erbatax mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina u tlieta min-naħa tal-Kunsill.

5.17.4. Is-Sindku qal li l-istudenti ta' Cavriglia ser jiġu Malta fis-6 jew fis-7 ta' Lulju 2025.

5.17.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.18.1 Kuntratt dwar iż-Żamma ta' Latrini Pubbliċi (L/3/Vol III)**

5.18.2. Dwar il-kuntratt għaż-Żamma ta' Latrini Pubbliċi, il-membri preżenti kollha qablu li għandu jiġi ċċirkulat il-kuntratt li skada sabiex kull kunsillier ikun jista' jduru u jressaq il-punti tiegħu fil-laqgħa li jmiss.

5.18.3. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li importanti ħafna li ssir reviżjoni tal-ħinijiet tal-ftuħ fir-rigward tal-latrina tar-Ramla tal-Mixquqa kif ukoll tal-Bajja tal-Għadira.

5.18.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.19.1. Titjib ta' Toroq Rurali permezz ta' I73.3 (P/10/27)**

5.19.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet illi l-Kunsill irċieva imejl fejn ġie mgħarraf li mill-applikazzjoni tiegħu sabiex isir titjib ta' seba' toroq rurali permezz ta' I73.3, it-triq magħrufa bħala Ta' Bejn il-Ġonna' biss ikkwalifikat u ġiet aċċettata.

5.19.3. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li għal dan il-għan, il-Kunsill ġie mitlub jiffirma Grant Agreement f'dan ir-rigward u qed jiġi mitlub ukoll li jibda l-proċeduri sabiex tkun tista' toħroġ is-sejħa għall-offerti biex isiru l-interventi meħtieġa fuq din it-triq.

5.19.4 Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.20.1. Għeluq Permanenti ta' Parti minn Triq Ġuże' Flores bħala parti mill-Inizjattiva 'Slow Streets' (T/3/6)**

5.20.2. Is-Sindku G. Micallef qasam informazzjoni dwar il-pass li jmiss sabiex parti minn Triq Ġuże' Flores tingħalaq għat-traffiku u tiżdied is-sigurtà bejn il-Park tal-Familja u Ġnien Dun Anton Debono. Is-Sindku nnota li Transport Malta ippreżentat dokumenti preparatorji sabiex it-triq tkun inkluża bħala parti mit-toroq "Slow Street", liema dokumentazzjoni ġiet approvata.

5.20.3. Is-Sindku qal li l-kuntrattur konċernat se jkun qed jibda x-xogħlijiet fil-ġimgħat li ġejjin u issuġġerixxa li jitfassal traffic management plan ġdid għat-traffiku li jiffaċilità d-dħul u l-ħruġ miż-żona Tal-Ibraġ għall-proċess ta' konsultazzjoni.

5.20.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li aħjar jekk l-ewwel issir konsultazzjoni mar-residenti peress li fil-passat, meta l-Kunsill kien għamel din il-proposta, kien hemm reżistenza mir-residenti. Huwa qal ukoll li l-pjan irid isir b'mod ħolistiku.

5.20.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li bilfors li jrid isir traffic management ġdid peress li Triq Ġuże' Flores ħa tingħalaq għat-traffiku.

5.20.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.21.1. Tisħib mal-Għaqdiet f'Attivitajiet li jiġu Organizzati (K/2/28)**

5.21.2. Is-Sindku G. Micallef innota l-ħtieġa li l-Kunsill jikkolabora mal-Mellieħa Scout Group fis-servizzi li huma jagħtu fil-komunità b'mod regolari fosthom il-parati li jsiru kull xahar matul it-toroq tal-Mellieħa. Huwa qal li għandhom jiġu rikonoxxuti wkoll id-diversi servizzi li huma jagħtu fid-diversi inizjattivi li l-Kunsill jorganizza matul is-sena.

5.21.3. Għal dan il-għan, is-Sindku issuġġerixxa li għal din il-kollaborazzjoni u għall-kontribut li huma jagħtu fil-qasam kulturali tal-lokalità, il-Kunsill għandu jikkontribwixxi s-somma ta' €2,500.

5.21.4. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi mil-lat kulturali fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

**5.22.1. Attivita` flimkien mal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina (S/6/Vol VI)**

5.22.2. Is-Sindku G. Mciallef qal li l-Kunsill irċieva imejl datat 20 ta' Marzu 2025, fejn il-Kunsill intalab jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' Easter Egg Hunt 2025.

5.22.3. Il-Kunsill iddeċieda li jissieħeb f'organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet, sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €500 fl-ispirtu tas-Sub-Artikli 33(o) u (s) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

**5.23.1. Il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol X)**

5.23.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ din is-sena ser issir fid-19 ta' Ġunju 2025 bis-sehem tas-Società Filarmonica La Vittoria.

5.23.3. Huwa xtaq jieħu l-opportunità wkoll sabiex jinfurma lill-membri preżenti li fis-27 ta' Marzu 2025 fil-Knisja l-Qadima tal-Manikata ser issir esebizzjoni b'rabta mal-50 sena anniversarju tal-Parroċċa tal-Manikata. Il-Kunsill hawnhekk ġie mitlub jipprovdi dawl adegwat fuq barra tal-Kappella.

5.23.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.24.1. Konsultazzjoni Pubblika dwar il-proġett tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-toroq prinċipali tal-Mellieħa (W/2/Vol II)**

5.24.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-konsultazzjoni pubblika li l-Kunsill organizza fl-20 ta' Marzu 2025 fil-lukanda Luna Holiday Complex flimkien mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma proprju dwar il-proġett li din il-korporazzjoni għandha ippjanat fit-toroq ewlenin tal-Mellieħa fix-xitwa li ġejja. Laqgħa li ntlaqgħet tajjeb u kien hemm attendenza tajba kemm fuq il-post kif ukoll b'mod virtwali.

5.24.3. Is-Sindku kompla billi qal li qabel din il-konsultazzjoni pubblika, saru laqgħat ukoll mal-Malta Hotels and Restaurants Association u Malta Chamber of SME's bil-għan li kemm is-sidien tan-negozji kif ukoll ir-residenti jkunu nfurmati minn qabel b'dan il-proġett.

5.24.4. Is-Sindku G. Micallef qal li min-naħa tal-Kunsill, il-Kunsillier E. Bartolo ipprepara l-qafas tax-shuttle service li se jidħol fis-seħħ meta t-trasport pubbliku ma jkunx jista' jgħaddi mit-toroq prinċipali.

5.24.5. Il-Kunsill qabel mal-punti msemmija hawn fuq u innota t-tagħrif mogħti.

**5.25.1. Sejbiet Arkeoloġiċi Importanti fl-inħawi magħrufa bħala 'Il-Latnija' (F/1/7/Vol XI)**

5.25.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li kien avviċinat mill-arkeologa l-Prof. Eleanor Scerri u segwit laqgħa fl-Università ta' Malta dwar sejbiet arkeoloġiċi importanti ħafna fl-inħawi tal-Latnija, fil-Mellieħa.

5.25.3. Is-Sindku qal li l-aħbar dwar din is-sejba importantissima se toħroġ pubblikament fid-9 ta' April 2025.

5.25.4. Is-Sindku għarraf li fl-immedjat ser issir segregazzjoni tas-sit u ser tintalab l-għajnuna tal-Pulizija tal-Komunità sabiex issir sorveljanza tas-sit kemm jista' jkun. Il-Kunsill Lokali ser jintalab jikkordina l-laqgħat u Heritage Malta aċċettaw li jikkolaboraw ukoll.

5.25.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.26.1. Parteċipazzjoni tal-Membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva fil-Mellieħa f'Tournaments Sportivi u fi Sports Day (A/1/5)**

5.26.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li ġiet avviċinata mid-direttur taċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa dwar il-possibilità li l-Kunsill jikkolabora magħhom meta jipparteċipaw f'tournaments sportivi kif ukoll fi Sports Days.

5.26.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li x-xewqa tal-membri hija li meta dawn jipparteċipaw f'dawn l-avvenimenti, ikollhom t'shirt jew bib l-istess għal kulħadd biex ikunu jistgħu jipparteċipaw bih.

5.26.4. Il-Kunsillier E. Bartolo issuġġerixxa li l-Kunsill jixtri numru ta' bibs li jkunu tiegħu iżda jkunu jistgħu jiġu mislufa kull meta jkun hemm bżonn.

5.26.5. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u innota t-tagħrif mogħti.

**5.27.1. Laqgħa mal-Bord tal-Park tal-Majjistral (A/4/10)**

5.27.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg għarraf li bħala r-rappreżentant tal-Kunsill Lokali fuq il-Bord tal-Park tal-Majjistral xtaq jgħarraf li fl-aħħar laqgħa tal-Bord, il-Bord wera x-xewqa li jiltaqa' mal-membri tal-Kunsill.

5.27.3. Il-Kunsilliera J. Buttigieg qal li l-Bord jixtieq li l-laqgħa ssir fuq il-post biex il-Kunsill ikun jista' jsegwi l-progress fuq ix-xogħlijiet u r-restawr estensiv li qed isir fil-Park.

5.27.4. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u innota t-tagħrif mogħti.

**5.28.1. Ħsarat fil-Mużew tat-Tunnara (P/4/4/Vol VI)**

5.28.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li ġie avviċinat mill-kuratur tal-Mużew tat-Tunnara peress li ż-żewġ cctv cameras ta' barra spiċċaw bl-elementi tat-temp u jeħtieġ li jinbidlu.

5.28.3. Fl-istess waqt il-Kunsillier J. Buttigieg talab li jiġu iċċekkjati wkoll il-QR Codes tal-Mellieħa Mobile App peress li huwa ipprova wħud minnhom u mhumiex jaħdmu. Huwa għamel suġġeriment biex dawn jinbidlu għal stainless steel peress li ħafna minnhom qed jispiċċaw.

5.28.4. Il-Kunsill innita t-taghrif moghti u talab li jinxtraw zewg CCTV cameras godda.

**5.29.1. Introduzzjoni ta' Crash Barrier fi Triq il-Mellieħa u fi Triq il-Wilġa (T/3/2/Vol XVI)**

5.29.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li fi Triq il-Mellieħa u fi Triq il-Wilġa jsiru crash barriers fl-aktar punti perikolużi u fejn anke ġraw inċidenti.

5.29.3. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li biex isiru l-crash barriera, il-pedament irid ikun sod.

5.29.4. Il-Kunsill innota t-taghrif moghti u qabel li din it-talba ghandha tigi ikkunsidrata.

**5.30.1. Food Couriers li Jipparkjaw fuq Bankini (T/3/2/Vol XVI)**

5.30.2. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li l-food couriers li qed jipparkjaw fuq il-bankina fi Triq il-Kbira, qed jispiċċaw jagħlqu u jostakolaw il-bankina. Huwa staqsa jekk tistax titwaħħal tabella li tindika li hemmhekk il-parking ta' muturi huwa ipprojbit.

5.30.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li din it-talba għandha tiġi ikkunsidrata.

**5.31.1. Xogħlijiet meħtieġa fi Triq il-Peprin (T/4/7/Vol III)**

5.31.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa attenda online meeting li għalih kienu preżenti wkoll is-Sur Dominic Vella f'isem Transport Malta u l-iżviluppaturi.

5.31.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li matul dan il-meeting saret diskussjoni fuq it-traffic management tal-area waqt li jkunu għaddejjin ix-xogħlijiet. Fost oħrajn huwa qal li jridu jsiru żewġ pedestrian crossings peress li xi bankini mhux ser ikunu aċċessibbli.

5.31.4 Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ser jibqa' jsegwi l-iżviluppi f'dan ir-rigward.

**5.32.1. SPI/SCI/3/2025 – Clean Up the World 2025 (F/1/7 Vol XI)**

5.32.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-iskema msemmija u ppropona li l-Kunsill għandu jieħu sehem permezz ta' clean up f'Selmun fl-20 ta' Settembru 2025 filgħodu.

5.32.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u awtorizza s-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq.

### 5.33.1. SPI/SCI/4/2025 – Milied 2025 (F/1/7 Vol XI)

5.33.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-iskema msemmija u ppropona li l-Kunsill għandu jieħu sehem permezz tal-attività Milied Mellieħi li ser isir bejn l-20 u l-24 ta' Diċembru 2025.

5.33.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u awtorizza s-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq.

### 6.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Diċembru 2024 (F/1/1/Vol IV)

6.2. L-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea ingħaqad b'mod virtwali għal din il-parti tas-seduta u stqarr li l-figuri f'dan ir-rendikont finanzjarju huma l-istess figuri li ġew ippreżentati fl-Unaudited Financial Statements 2024. Huwa qal li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Jannar/Diċembru 2024 kien jammonta għal €1,553,614 li jikkonsisti f'€1,434,945 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €83,320 bħala ħlasijiet relatati ma' permessi mill-Kunsill Lokali, €12,138 kienu ġejjin mil-Infurzar tal-Liġi u €22,839 minn dħul ieħor.

6.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti naqas b'€181,100 meta mqabbel mat-tliet xhur ta' qabel u kien ta' €3,122,268. Dawn kienu jikkonsistu f'*Cash and Cash Equivalents* li jammontaw għal €3,027,845, Inventarji (*Stocks*) €15,277, u ammonti li kienu dovuti lill-Kunsill, illi ammontaw għal €90,246.

6.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti Netti naqsu minn €1,792,663 għal €1,577,403. Dawn kienu magħmula kollha minn Ammonti Pagabbli.

6.5. In-nefqa għall-perjodu kopert bir-rapport kienet tammonta għal €1,753,066 u tikkonsisti minn €228,177 fuq Pagi, Onorarji u *Allowances*, €1,102,169 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €57,424 fuq l-Amministrazzjoni, filwaqt li d-Deprezzament fuq assi permanenti ġie kkalkulat għal €365,296.

6.6. Kien spjegat li mill-bidu tas-sena rriżulta *deficit* ta' €199,452. Meta wieħed iqis dawn il-fatturi kollha, jirriżulta li l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja naqas bi 2% fuq it-trimestru preċedenti u kien 112%. Dan ifisser li l-Kunsill għandu l-qagħda finanzjarja tiegħu b'saħħitha ħafna.

6.7. Il-valur fiss tal-assi permanenti akkwistati minn Jannar permezz ta' fondi ordinarji tal-Kunsill, kif ukoll permezz ta' għotjiet, kien jammonta għal €44,766, filwaqt li ma kienx hemm disponimenti ta' ebda assi. L-ispiża tax-xiri tal-Assi Permanenti kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €10,807,457, li kellhom valur nett fuq il-kotba ta' €1,487,191, sa tmiem il-perjodu kopert bir-rapport.

6.8. Il-Kunsill approva l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie maqbul ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: melliehalc@gov.mt.

### 7.1. Estensjoni tal-Impjant tad-Drenaġġ fl-inħawi taċ-Ċumnija, il-Qammieħ (D/1/Vol III)

7.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa kien mistieden jattendi laqgħa mas-CEO tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma iżda sfortunament ma setax jattendi għaliha. Madanakollu il-laqgħa ġiet posposta għall-15 ta' April 2025. Matul din il-laqgħa kien ser jiġi diskuss proprju dan il-proġett iżda wkoll materji oħra.

7.3. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa fatt li dan il-proġett huwa bżonnjuż izda l-Kunsill għad m'għandux bażi fuq x'hiex jiddiskuti. Madanakollu l-Kunsill għandu jesiġi li ssir laqgħa mal-bdiewa tal-inħawi mhux biss ma' dawk li ħa tittieħdilhom l-art, iżda mal-bdiewa kollha.

7.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ħarġet stqarrija għall-istampa bl-informazzjoni kollha dwar dan il-proġett inkluż kemm-il metru kwadru tal-art ser tittieħed. Huwa qal ukoll li żewġ bdiewa biss ser jintlaqtu b'dan il-proġett u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma diġa' avviċinathom. Huwa qal li s-servizz ta' New Water huwa ta' benefiċċju kbir għall-bdiewa speċjalment dawk li għandhom raba' bagħli għaldaqstant dan il-proġett ċertament li ser ikun ta' benefiċċju f'dan ir-rigward. Is-Sur Buttigieg madanakollu stqarr li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma mxietx sewwa mal-Kunsill fejn tidħol konsultazzjoni.

7.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-impjant eżistenti huwa żgħir u jeħtieġ li jikber. Hija qalet li fil-viċinanzi hemm siti li jagħmlu parti minn Natura 2000, hemm siti li mhux b'saħħithom kif ukoll hemm ħafna blat u garigue għaldaqstant kien hemm ċertu diffikultajiet ta' kif seta' jikber l-impjant.

7.6. Il-Viċi Sindku Matthew Borg Cuschieri qal li l-Kunsill jista' jressaq it-tħassib tiegħu lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qabel il-laqgħa tal-15 ta' April 2025.

7.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 8.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

8.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 21 ta' Marzu 2025.

8.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn is-22 ta' Frar 2025 u l-21 ta' Marzu 2025.

8.1.4. Ġiet imressqa skeda ta' Infieq permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn it-18 ta' Frar 2025 u t-13 ta' Marzu 2025.

8.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fid-9.30pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 29 ta' April 2025 fil-5:30 pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**